# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI
## *CITTÀ FERDINAND*

## MINUTI

## SEDUTA B'URĠENZA NRU 257 – Il-Hamis 6 ta' Diċembru, 2012

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku, 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-6.00p.m. Ippresieda s-Sindku, l-Avukat Dr Karol Aquilina.

## PREŻENTI

Is-Sindku Dr Karol Aquilina
Il-Viċi-Sindku s-sur Ryan Callus
Il-Kunsilliera s-Sinj. Mariette Borg
Il-Kunsillier is-sur Mario Cachia
Il-Kunsillier is-sur Nicholas Cassar
Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Tanti
Il-Kunsillier Dr Mark Anthony Vassallo

Uffiċjal: Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Nicholas Baldacchino

## TALBA

Is-Sindku stieden lill-membri sabiex tingħad it-talba.

## KUNTRATTI

Is-Sindku qal li kien intlaħaq ftehim mas-Segretarjat Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sportu u l-Kunsill Malti għall-Isport (KMS) dwar l-*Outdoor Gym* fi Triq Mons F.X. Mangion. Għal dan se jittieħed l-ispazju kollu tal-belveder u jkun jinvolvi:-

(i) Tlettax-il biċċa makkinarju tal-gym;
(ii) *Track* tal-ġiri, u
(iii) Sit għal-logħob minn tfal żgħar.

Dan il-proġett se jkun iffinanzjat parzjalment mill-Kunsill Malti għall-Isport u l-Kunsill Lokali. Il-ftehim jinvolvi li l-Kunsill joħroġ is-sejħiet għall-offerti kemm għas-*civil works* kif ukoll għall-apparat tal-*outdoor gym*. Is-*civil works* jinkludi bankijiet, dwal u funtani ġodda.

Is-Sindku qal li ssejħet din is-seduta biex is-Segretarju Eżekuttiv ikun awtorizzat li joħroġ it-tenders u dawn ikunu meqjusin bħala urġenti; biex il-Perit Neil Felice ikun jista' jippreżenta *Development Notification* mal-MEPA, kif ukoll isiru applikazzjoni mal-UIF, u ssir applikazzjoni għal Fondi Speċjali skont Memo 45/2012 tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

Il-Viċi-Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## GHELUQ TAS-SEDUTA

Is-Sindku iddikjara s-seduta magħluqa fis-6.30pm.

| | |
|---|---|
| **L-Avukat Dr Karol Aquilina** | **Is-Sur Nikol Baldacchino** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

**Konfermati llum it-Tnejn, 17 ta' Diċembru, 2012**